Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13110/21
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0114(COD)**

CODEC 1356
TRANS 616
FISC 176
ENV 770

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>= Dikjarazzjonijiet |

## Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Kif diġà ġie ddikjarat f'Diċembru 2020, l-Awstrija tappoġġa l-objettivi li t-trasport bit-triq jiġi dekarbonizzat u li jissaħħaħ il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. L-Awstrija tirrikonoxxi li d-Direttiva riveduta dwar l-Eurovignette ser tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni. F'dan is-sens, l-Awstrija tilqa' l-introduzzjoni ta' modulazzjoni tas-CO2 fit-tariffi għat-trasport ta' merkanzija tqila u l-obbligu li jiġu imposti spejjeż esterni f'żoni bi ħsara ambjentali sinifikanti. L-Awstrija tirrikonoxxi wkoll li nkiseb ċertu titjib fir-rigward taż-żidiet marġinali, b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġu imposti żidiet marġinali barra r-reġjuni muntanjużi u flimkien ma' spejjeż esterni.

Madankollu, id-direttiva riveduta ser iżżomm ukoll il-prinċipju fundamentali tal-irkupru tal-ispejjeż fl-Artikoli 7b u 7e, li b'mod ġenerali jkompli jistabbilixxi limiti għall-miżuri tal-politika dwar it-trasport fil-qasam tat-tariffi tat-triq.

F'dan ir-rigward, it-test dwar iż-żidiet marġinali fl-Artikolu 7f(1)(b) ma jindirizzax b'mod adegwat is-sitwazzjoni tat-traffiku fuq il-qsim tal-Alpi ta' Brenner, li ilu għal ħafna snin piż kbir għall-popolazzjoni kif ukoll għall-ambjent. Huwa ta' importanza kbira għall-Awstrija li tapplika żieda marġinali ta' 50 %. It-test il-ġdid jirrikjedi l-qbil tal-Istati Membri kollha, li huma parti minn dak il-kuritur u li huma ġirien tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom taqa' t-taqsima tal-kuritur li għaliha hija applikata din iż-żieda marġinali ta' 50 %. Dan jirrappreżenta ostaklu bla bżonn li jwassal biex id-dispożizzjoni qatt ma tiġi applikata fil-prattika. Dan huwa ta' dispjaċir mhux l-inqas fid-dawl tal-għanijiet klimatiċi ambizzjużi li qbilna dwarhom fil-livell tal-UE. Għalhekk, din id-dispożizzjoni mhijiex aċċettabbli għall-Awstrija.

Għandu jkun l-għan tagħna li nadottaw Direttiva li fil-prattika twassal għal tnaqqis sostenibbli tat-traffiku tal-merkanzija bit-triq u li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku, speċjalment fid-dawl tal-mira tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas -55 % sal-2030.

Barra minn hekk, l-Awstrija ma tistax tappoġġa l-obbligu li tiġi introdotta tariffa ta' kuljum għall-utent (vignette) għall-karozzi tal-passiġġieri, peress li dan jista' jirriżulta f'restrizzjonijiet għall-Istati Membri jew piż amministrattiv għal sistemi diġà eżistenti.

Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, l-Awstrija ma tqisx li t-test attwali tar-reviżjoni huwa kontribut validu fit-triq lejn UE newtrali għall-klima u lanqas lejn tnaqqis sostenibbli tat-traffiku fit-toroq. Għalhekk, l-Awstrija tivvota kontra.

## Dikjarazzjoni mid-Danimarka

Id-Danimarka tfaħħar lill-presidenzi konsekuttivi għat-trattament tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, u tabilħaqq lill-presidenza Portugiża għall-konklużjoni tan-negozjati tat-trilogu mal-Parlament Ewropew fis-16 ta' Ġunju 2021.

Id-Danimarka tappoġġa bil-qawwa l-intenzjonijiet tal-proposta, b'mod partikolari l-miżuri li jistgħu jiżguraw l-użu tal-prinċipji ta' min iniġġes iħallas u ta' min juża jħallas.

Id-Danimarka jiddispjaċiha, madankollu, li tara l-introduzzjoni ta' allokazzjoni obbligatorja tad-dħul mill-imposti fuq il-konġestjoni. Id-Danimarka għarrfet matul in-negozjati tal-proposta li hija kontra kwalunkwe allokazzjoni tad-dħul, peress li d-deċiżjonijiet dwar l-użu tad-dħul għandhom ikunu prerogattiva nazzjonali esklużiva.

Filwaqt li d-Danimarka ġeneralment tappoġġa l-għan u l-elementi ekoloġiċi fil-qbil, hija ma tistax għal din ir-raġuni tappoġġa l-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 7da tat-test ta' kompromess u għalhekk sfortunatament ma tistax tappoġġa t-test ta' kompromess finali.